PDF Compressor Pro



Waqt is-Servizz Ekumeniku fil-Pjazza tal-Knisja Parrokkjali tal-Qala

Avveniment Ekumeniku fil-Qala

Fl-okkażjoni tal-Festi Solenni f'ġieħ il-Kbir Patrijarka San Ġużepp, Patrun tal-Knisja Universali, u Patrun tal-Parroċċa tal-Qala, iffesteġġjati l-Ħadd 2 ta' Awwissu, fil-Pjazza prinċipali tal-imsemmija parroċċa, nhar l-Erbgħa 29 ta' Lulju, filgħaxija, ittella' it-tnax-il edizzjoni tal-*Gozo International Celebration*, bit-tema *Give Peace a Chance*.

Il-*Gozo International Celebration* fil-fatt jiġi organizzat tliet darbiet fis-sena, fil-Milied, fl-Għid u fil-Festa tal-Parroċċa.

Il-GIC hu avveniment ekumeniku għall-barranin li huma residenti jew ikunu qegħdin iżuru Għawdex.

Il-motto tal-GIC huwa *nippromwovu d-diversità tal-kulturi u l-wirt f'Għawdex.*

L-ispirazzjoni biex sar dan l-avveniment ġiet mix-xewqa tal-Papa preżenti, Benedettu XVI, li jġib flimkien il-Kristjani tat-twemmin differenti.



Il-Grupp Folkloristiku Menhir ikanta Viva Malta

Il-Programm fetaħ bil-kant mużikali mill-Għaqda Mużikali *Ite ad Joseph*, bl-Innu tal-Banda u wara b'dak *Give Peace a Chance*.

Wara interventi mużikali minn Joseph u Annmarie Chetcuti, saru kelmtejn tal-okkażjoni mill-Arċipriet tal-Parroċċa u Ċermen tal-G.I.C, il-Kanonku Dr Joseph Zammit.

Ħadu sehem fost l-oħrajn il-Grupp Folkloristiku Menhir u s-*Sunnyside Folk Ensemble*.

Ipparteċipaw ukoll is-Soprani Ruth Portelli u Patricia Buttigieg, din tal-aħħar imwielda f'Melbourne, l-Awstralja, f'April tas-sena 1992. Ħa sehem ukoll il-pittur stabbilit Għawdxi mix-Xewkija, Anthony Caruana, li pinġa diversi xeni.

Lejn tmiem is-serata, il-Banda *Ite ad Joseph* daqqet l-Innu ta' San Ġużepp ta' Vincenzo Ciappara.



L-artist magħruf Anthony Caruana waqt it-tpinġijiet tal-lejla



Joseph Chetcuti fuq il-vjolin u Annmarie fuq il-pjanu

AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Mons. Ġużeppi Żerafa jidher jirfina l-Knisja l-qadima t'Għajnsielem

Replika tal-Knisja ż-żgħira t'Għajnsielem

L-Arċipriet Emeritu tal-Parroċċa t'Għajnsielem, Mons. Ġużeppi Żerafa qiegħed jaħdem mudell replika tal-Knisja l-antika tal-Parroċċa, dik illi llum tkun miftuħa għal sigħat sħaħ għall-adorazzjoni.

Mons. Zerafa mistenni jlesti dan ix-xogħol fil-ġranet li ġejjin, sabiex dawk kollha li fil-jiem tal-festa tal-Madonna ta' Loreto, iċċelebrata f'Għajnsielem nhar it-30 t'Awsissu u li jżuru dan ir-raħal jkunu jistgħu jammiraw mhux biss xogħol idejn il-Monsinjur bl-irfinar u s-sbuħija ta' dan il-mudell, imma jkunu jistgħu jesperjenzaw il-paċi u s-serħan li wieħed isib meta jżur din il-knisja żgħira.

Din hija t-tielet biċċa xogħol tal-Monsinjur wara li aktar qabel kien ħadem ukoll l-Għajn tal-Ħasselin u l-Knisja Parrokkjali l-ġdida. Mistenni li jagħti bidu wkoll sabiex jagħmel mudell ieħor, din id-darba tal-Knisja ta' Lourdes, knisja li tinsab fir-raħal t'Għajnsielem.



Mons. Isqof Mario Grech iżur u jitkellem mat-tfal tal-Munxar

Skola Sajf

Għat-tieni sena konsekuttiva l-Parroċċa tal-Munxar qed torganizza skola sajf għat-tfal bis-sehem ta' numru ta' voluntiera. Din l-attività li issir fuq tliet ġimgħat sħaħ u barra l-ħin għal-logħob u divertiment ieħor, isservi bħala vjaġġ spiritwali u edukattiv ta' formazzjoni tal-karattru u tal-personalità. Fuq kollox din l-esperjenza qed isservi biex issaħħaħ ħafna l-valuri tas-solidarjetà, il-ħbiberija, il-parteċipazzjoni, ir-responsabbiltà u l-ġenerożità. Qed tgħin lil dawk kollha li qed jieħdu sehem biex ikunu iktar kapaċi jgħixu u jaqsmu mal-oħrajn, imma fl-istess waqt ikunu indipendenti.



It-tfal tal-Parroċċa tal-Munxar waqt waħda mill-attivitajiet ta' Skola Sajf

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
PO Box 330 Merrylands NSW 2160
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna

PDF Compressor Pro

Imfakkar il-Poeta Ġorġ Pisani

Kitba u ritratti ta' Charles Spiteri minn Għawdex

L-Għaqda Poeti Maltin, nhar il-Ġimgħa 24 ta' Lulju, ikkommemorat lill-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani, waqt serata mtellgħa fuq il-Bastjun ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella. Il-programm fetaħ b'introduzzjoni mill-President tal-Għaqda, Alfred Massa. Imbagħad Robert Gatt min-Nadur qara l-biografija ta' Ġorġ Pisani. Il-Kavallier Carmel Bianchi minn Ħal Qormi, qara l-poeżija L-Għid taż-Żgħożija. Mill-istess antoloġija nqraw żewġ poeżiji oħrajn, minn Ġanninu Cremona u minn Charles Magro waqt li Joe Engerer, Malti li joqgħod Għawdex u li għamel snin hawn fl-Awstralja flimkien ma' Hilary Spiteri minn Ħal Qormi u Bernard Catania mill-Mosta għamlu interventi mużikali.

Charles Bezzina, ir-rappreżentant tal-Għaqda Poeti Maltin f'Għawdex qara saġġ kritiku tax-xogħlijiet letterarji ta' Pisani.

Melina Cornish qrat silta mir-Rumanz *Beraq u Qawsalli*, fejn Pisani jirrakonta l-wasla f'Għawdex għall-ewwel darba ta' karozza.

Therese Pace u Lino Grech qraw djalogu bejn żewġ protagonisti mill-kummidja soċjali *Is-Sigriet ta' Swor Kristina*.

Francis Borg, poeta żagħżugħ minn Birkirkara qara silta mill-leġġenda Għawdex *Joħlom fil-Leġġendi*. Minn antoloġija oħra ta' Pisani nqraw żewġ poeżiji minn Salv Sammut, li barra mill-karriera letterarja ta sehmu wkoll fil-qasam trejdunjonistiku Malti u tnejn oħra minn Patrick Sammut, Viċi President tal-Għaqda Poeti Maltin.



Alfred Massa, President tal-Għaqda Poeti Maltin jagħti bidu għas-Serata ta' Kommemorazzjoni f'ġieħ il-Poeta Ġorġ Pisani Fuq il-lemin jidhru wkoll Hilary Spiteri u Bernard Catania li taw intervent mużikali




Uħud mill-pubbliku preżenti għas-Serata, fosthom il-Ministru Giovanna Debono, Anton Tabone u n-Nutar Paul Pisani

Ġanninu Cremona kiteb poeżija wkoll għall-okkażjoni f'ġieħ Ġorġ Pisani u din iddaħlet ukoll fil-programm.

Waqt l-egħluq ta' din is-serata, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, qalet li dak li ntqal u ġie mtella' waqt il-programm, jixhed kemm Ġorġ Pisani kien iħobb verament lil Għawdex. Huwa rnexxielu jesprimi dan permezz tal-kitbiet tiegħu li ser jibqgħu dokumentazzjoni ħajja ta' bosta ħrejjef u tradizzjonijiet storiċi u folkloristiċi Għawdxin.

Fl-aħħar is-Segretarju tal-Għaqda, Charles Magro, li mexxa wkoll din is-serata għalaq il-programm b'sorpriża billi ppreżenta lill-Ministru Debono, lil Anton Tabone, eks *speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti, lin-Nutar Paul Pisani u lil Alfred Massa, kopja ta' poeżiji ta' Ġorġ Pisani maqlubin għall-*Esperanto* minn Dr Karmenu Mallia, President u Fundatur tal-Għaqda tal-Esperanto Maltija.



Ġanninu Cremona mir-Rabat, Għawdex, jaqra l-poeżija li kiteb hu stess f'ġieħ Ġorġ Pisani



Iż-żagħżugħ Naduri Robert Gatt jidher jaqra l-bijografija ta' Ġorġ Pisani



Is-Segretarju tal-Għaqda, Charles Magro, li mexxa s-Serata ta' Kommemorazzjoni f'ġieħ il-Poeta Ġorġ Pisani

Programmi bil-Malti fuq ir-Radju

Sydney:
SBS Radio 97.7 FM: It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u s-Sibt f'nofs inhar, il-Ġimgħa fil-5.00 pm.
2GLF FM 89.3: MCC Radio Programme. Il-Ħadd mill-10am sal-11.00am.
SWR FM 99.9: 'Ħadd Għal Maltin" Kull nhar ta' Ħadd mill-4.00 pm sas-6.00 pm.
2RRR FM 88.5 it-Tlieta mill-4pm sall-5pm
NEWCASTLE:
1584 AM It-Tlieta f'nofs inhar u l-Ħadd fis-7.00 a.m.
WOLLONGONG:
1485 A.M. It-Tlieta f'nofs inhar
Bowral:
2WKT Highland FM: It-Tnejn miss-7.00 pm sad-9.00 pm.
Canberra:
2XX 98.3FM: Nhar ta' Ġimgħa mis-6.30 pm sas-7.00 pm.
SBS RADIO 105.5 FM Normal Maltese programmes as Sydney.
VOM : Nhar ta' Tlieta fin-12.30 pm
Melbourne:
SBS Radio 93.1 FM: It-Tnejn, it-Tlieta u l-Ħamis u s-Sibt: f'nofs inhar kif ukoll it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa fis-7.00 p.m. u l-Ħadd fis-7.00 a.m.
STEREO 974: Kull nhar ta' Erbgħa mis-6.00 pm sat-8.00 pm u kull nhar ta' Ħamis mis-6.00 pm sat-8.00 pm.
3ZZZ 92.3 FM: It-Tnejn mil-5.00 pm sas-6 pm. Il-Gimgha mil-5.00 pm sas-6.00 pm. Is-Sibt mil-10.00 am sal-11 am.
3GCR 104.7 FM (Gippsland) It-Tlieta mill-5.30pm sas-7pm
98.9 North West FM: Kull nhar ta' Ġimgħa mis-6.00 pm sas-7.00 pm.
979FM Radju tal-Komunità "Bejnietna" , kull nhar ta' Tlieta mis-6.00pm - 8.00pm
Brisbane:
98.1 FM: It-Tlieta mis-6 am sas-7.30 am. Il-Ħadd mit-4.15 pm sal-5.15 pm.
Adelaide:
5EBI FM 103.1 MHz: It-Tnejn mis-6.00 pm sat-7.00 pm. Il-Ħadd mis-7.30 am sat-8.30 am.
5PBA FM 89.7 MHz: Nhar ta' Sibt mill-10.30 am sa nofs in-nhar
VOM: 106 3FM
Perth
6EBA FM 95.3 MHz: Il-Ħamis mis-6.00pm sas-6.30pm.

Il-Programm ta'
Josephine Zammit Cordina
"Waltzing Matilda"
qed jintwera kull ħmistax il-Ħamis fuq TVM fil-4.55pm u jiġi rrepetut is-Sibt fis-6.45pm
u tistgħu tarawh minn fuq il-Website: www.di-ve.com
Email:matilda@di-ve.com
u l-Programm
"Il-Boomerang"
huwa t-Tlieta fuq www.pbs.com.mt fit-8.30pm u jiġi rrepetut il-Ħamis fis-2.05pm ukoll ħin ta' Malta

Avviżi Klassifikati

Maltese Language School of NSW
(Skola tal-Malti)
Din l-iskola hija fergħa uffiċjali tal-Maltese Community Council of NSW
Il-klassijiet jieħdu studenti minn seba' snin sa adulti mil-livell tal-bidu sal-livell avvanzat.
Għal aktar informazzjoni *Ċemplu lil* **Maria**
Tel. 9837 2514
Mob 0416 119 100
malteselanguageschoolnsw@hotmail.com

For rent in Gozo
Misraħ il-Fliegu - Għajnsielem
Now just completed
2 bedroom unit fully furnished, to a high standard, aircondition in all rooms. Communal swimming pool, fully self-contained, sleeps 7 people. Front balcony overlooking Mġarr Harbour, Comino and Malta. Rear balcony overlooking the pool.
Great way to enjoy Gozo
$200 a night all inclusive.
For further information ring Paul
Mob: 0419 142 089
Email:helwa1@optusnet.com.au

All Good Mini Bus
Bucks Night, Hens Night, Interstates and all other occasions
Ring Charles Spiteri (02) 9607 7818
0r **Mob: 0412 677 777**



For advertisement enquires ring (02) 9637 9992



Its All Good Driving School
Female and Male Instructors
Low risk Driving - Rewards Program
Nitkellmu bil-Malti
For enquiries or to book ring:
(02) 9831 4663 or
0439 255 483
RTA Accredited

Il-Programm Malti fuq l-istazzjon 2GLF-FM 89.3
Il-Programm tal-Kunsill tal-Komunità Maltija ta' NSW li jinstama' kull nhar ta' Ħadd bejn l-10 u l-11 ta' filgħodu, fuq l-istazzjon 2GLF-FM 89.3, issa tista' taqbdu wkoll, lajv,bl-internet fuq il-websajt:
www.893fm.com.au
f'kull rokna tal-Awstralja. Għalhekk jekk ir-radju tiegħek ma jaqbadx dan l-istazzjon u għandek l-internet id-dar, tista' mingħajr ebda diffikultà tidħol fuq il-websajt t'hawn fuq.